MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 51

29 ta' Marzu 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 51 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 1.2. **(Ref: T/5/1/Vol II; T/3/3/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara hekk:

> *" 9.4. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u C. Bartolo tennew li fi Triq Ġorġ Borg Olivier, mill-fergħa tal-Bank of Valletta 'l isfel m'għandux isir ipparkjar waqt li jkunu miftuħin il-ħwienet, esklużi stabbilimenti li jservu l-ikel, kemm minħabba li t-triq hija dejqa, kif ukoll billi l-kategorija ta' negozji li jeżistu f'dik il-parti tat-triq ma tirrikjedix li wieħed bilfors imur bil-vetturi.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-emenda mitluba u għalhekk il-minuti ġew iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Riforma fit-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi f'laqgħa oħra li saret mad-diriġenti tal-kumpanija Arriva plc, sar magħruf li r-Rotta Ewlenija (*Main Line*) ser titħaddem minn *articulated buses* li għandhom tul ta' 18-il metru. Il-kumpanija tidher li lesta tikkonsidra l-proposta tal-Kunsill li r-Rotta Ewlenija 'il barra mill-Mellieħa, tgħaddi minn Dawret il-Mellieħa, tidħol Triq Qasam Barrani u Triq Lewis Wettinger. Intqal ukoll li s'issa għad mhux magħruf x'ser jiġri mir-rotta tal-Armier li kienet issir matul ix-xhur tas-sajf.

2.1.3. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba jsir dan, ikollha tinqata' parti mir-rotta tal-*Feeder Line* f'Santa Marija Estate, minn Triq Ta' Taħt l-Irdum 'l isfel. Sar magħruf ukoll li l-frekwenza tar-Rotta Ewlenija ser tkun kull kwarta, filwaqt li dik taż-żewġ *Feeder Lines* ser tkun kull siegħa – ossija titlaq waħda kull nofs siegħa. Is-Sindku fakkar li l-kumpanija qed tipproponi li r-rotta tat-tieni *Feeder Line*, tkun minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq l-Għorgħar, Triq Ta' Masrija, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq il-Fortizza u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sindku kompla jgħid li nġibdet l-attenzjoni tad-diriġenti ta' Arriva plc li pass f'din id-direzzjoni ser ikun qed jikkawza xi ftit tal-problemi fir-rigward tal-parkeġġ għar-residenti, apparti li mhux it-toroq kollha ndikati jippermettu tibdil ta' din ix-xorta.

2.1.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li l-l-*Air Express Route,* bejn iċ-Ċirkewwa u l-*Airport* ser tuża biss il-*bypass*, filwaqt li r-Rotta Ewlinija mill-Belt ser tgħaddi mir-rotta li attwalment hija segwita mill-karozzi taċ-Ċirkewwa (mit-toroq ewlenin tal-Mellieħa).

2.1.5. Il-Kunsiller C. Bartolo kkummenta li ma jarax il-lok ta' *articulated buses* fit-toroq ewlenin tal-Mellieħa għaliex id-daqs tagħhom joħloq konġestjoni tat-traffiku. Qal ukoll li mhux ser ikun hemm nies li jużaw il-*feeder line* li tgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier, peress li l-passiġġieri jaqbilhom jibqgħu fuq il-karozzi tal-Rotta Ewlenija.

2.1.6. Is-Sindku wieġeb li l-*articulated buses* diġa ġew ippruvati kemm fit-toroq ewlenin, kif ukoll mar-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani / Mitħna l-Ġdida u ma jidhirx li ħolqu problemi. Dan proprju minħabba li l-vetturi huma maqsuma min-nofs, jagħmilhom aktar manuvrabbli. Dwar l-patronaġġ tal-*Feeder Line* sabiex wieħed imur fi Triq Ġorġ **Borg Olivier, is-Sur R. Cutajar, qal li dawn jistgħu jintużaw ukoll għal trasport intern mir-residenti tal-Mellieħa.**

## 2.2.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi għall-Festa Ġemellaġġi ser jattendu żewġ rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali ta' Cavriglia u ħamsa minn Agia Napa. L-ispejjeż tal-ivjaġġar ta' Cavriglia inizjalment ser jitħallsu mill-Kunsill tal-Mellieħa, filwaqt li dawk ta' Agia Napa ser iħallsu huma. Il-Kunsill ġie mfakkar li parti minn dawn l-ispejjeż ser jiġu rkuprati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ġie mfakkar li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali alloka €100 għal kull delegat. Iż-żewġ delegazzjonijiet ser ikunu alloġġjati fil-Mellieħa.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Attivitajiet ta' Jum il-Kunsill 2011 (A/5/3/1/Vol XII

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti, u ġibed l-attenzjoni għal storja li dehret fil-gazzetta "Il-Kull Ħadd" tal-20 ta' Marzu 2011 fejn irrefera għall-inċident li kien jinvolvi l-Onor Dr Stefan Buontempo, li ħareġ mis-serata ta' Jum il-Kunsill fis-serata tal-24 ta' Frar 2011. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ta' dispjaċir kif dan l-inċident ġie mkabbar, meta jidher li ma kienx intenzjonat billi ma ħarigx ċar f'liema kapaċita` kien qed jattendi l-Onor Buontempo f'dik l-attivita`.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru.

## 2.4.1. Riproduzzjoni ta' mappa informattiva (T/3/1)

**2.4.2.** Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa ltaqa' mas-Sur Antoine Mifsud biex jispjegalu li l-Kunsill kien qed jaħdem fuq direttorju tal-attrazzjonijiet u n-negozji li jeżistu fil-lokalita. Huwa fakkar li l-istess direttorju ser jiġi mniedi fl-okkażjoni tal-Konferenza EDEN Mellieħa li ser sseħħ bejn l-4 u 6 ta' April 2011. Is-Sur Mifsud wera li mhux beħsiebu jkompli bl-intenzjonijiet tiegħu minħabba l-inizjattiva li ħa l-Kunsill.

**2.4.3.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Kjosk fi Ġnien il-Qigħan (A/6/7/Vol II)(K/6/3/Vol III)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-23 ta' Marzu 2011 inħarġet stqarrija wara atti vandali li ġew irrappurtati fil-ġnien imsemmi. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li ngħataw xi ismijiet li ġew mgħoddija lill-Pulizija. Huwa tenna l-qbil tiegħu mal-proposta li f'dan il-post ikun hemm kjosk, jew xi attivita` oħra simili, proprju biex jieqfu l-atti vandali.

2.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li d-dwal tal-ġnien qed dejjem ikun mitfija, liema sitwazzjoni qed tħajjar grupp ta' żgħażagħ li jiffrekwentaw il-post u jikkommettu ċertu atti vandali. Huwa rrefera għall-fatt li kien hemm ftehim li t-teħid ta' parti mill-ġnien biex nbniet Dar il-Madonna tal-Mellieħa, kellu jkun ikkompensat b'xogħlijiet ta' titjib fi Ġnien il-Qigħan.

2.5.4. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li l-kwalita` tax-xogħol li saret fuq is-sistema tad-dwal hija fqira ħafna, tant li l-parti l-kbira tal-*cables* huma fil-wiċċ u jistgħu jintlaħqu jew jintlaqgħtu waqt ix-xogħol tal-ġardinara. Għaldaqstant jeħtieġ li din is-sistema ssir mill-ġdid b'*conduit* protett minn konkos u bl-użu tal-*armoured cables*.

2.5.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Care Malta Ltd dwar in-nuqqasijiet li saret referenza għalihom.

## 2.6.1. Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-periti tal-Kunsill – Malta Planning & Design Consultants Ltd – ikkonfermaw li mhux possibbli li jsir it-tiġdid tal-permess PA 2671/03, peress li skada ż-żmien biex ikun jista' isir dan f'Settembru 2010. Dan minkejja li ġew mitluba li jagħmlu hekk fiż-żmien opportun. Dan ikun ifisser ukoll li l-Kunsill ikollu jagħmel applikazzjoni mill-ġdid.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.7.2. Saret referenza għall-minuta 9.5. tas-seduta preċedenti dwar ix-xogħol fuq *dressing rooms* u l-faċilitajiet anċillari. Huwa qal illi s-sejħa li saret mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għalqet u qed issir l-evalwazzjoni tal-offerti li saru.

2.7.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

## 2.8.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)

2.8.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa attenda għal laqgħa li saret bejn ir-residenti ta' Triq Mario De Vasi` u uffiċjali tal-MEPA, fejn ġiet spjegata l-posizzjoni tal-awtorita` dwar il-bdil fl-iskema tal-bini.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.9.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)

**2.9.2.** Is-Sindku irrefera għall-minuta 22.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għall-ħarġa li saret fit-23 ta' Marzu 2011 attendew madwar 90 persuna, li ġew milqugħa fil-Berġa ta' Kastilja mill-Prim Ministru l-Onor Dr Lawrence Gonzi u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor Dr Chris Said. Fil-Palazz tal-President, il-grupp iltaqa' mal-Aġent President tar-Repubblika Anton Tabone. Il-grupp assista għas-salut ta' nofsinhar mis-*Saluting Battery* tal-Barrakka ta' Fuq fil-Belt Valletta.

## 2.10.1. Installazzjoni ta' *cameras* qrib il-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.10.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-fatt li d-depożitu ta' skart qrib il-*bring-in site* ta' Triq Qasam Barrani baqa' għaddej.

2.10.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li huwa kkuntattja lill-aġenzija The Guard & Warden Service House Ltd sabiex (a) tiġi nstallata camera; u (b) sabiex isir il-monitoraġġ tagħha. Huwa kompla jgħid li huwa importanti li l-camera tkun kompatibbli mas-sistemi mħaddma mill-istess aġenzija.

2.10.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.11.1. PC 0068/08 - Bdil fl-iskema tal-bini fi Triq il-Marlozz (P/5/8/M)(T/4/17/Vol II)

2.11.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għax-xogħlijiet ta' *resurfacing* ippjanati li jsiru fi Triq l-Armier. Huwa aċċenna wkoll għal laqgħa ta' kordinazzjoni li saret fit-23 ta' Marzu 2011 mal-entitajiet koċernati, fejn sar magħruf li l-parti tal-istess triq, bejn Triq Ta' Msid u Triq il-Marfa jeħtieġ li jitbaxxielha l-livell tagħha kif ukoll isir *service culvert* kbir. Dan ħa jsir bħala parti mill-proġett tat-TEN-T li jinvolvi Triq il-Marfa, liema proġett ser ikun a karigu ta' Transport Malta. Minħabba din ir-raġuni s-Sindku ppropona li din il-parti ta' Triq l-Armier issir minn Tranport Malta, filwaqt li l-kostruzzjoni tal-parti ta' fuq ta' Triq il-Marlozz, parti minn Triq il-Barkazza, u n-naħa t'isfel ta' Triq il-Wied Ta' Ruman isiru mill-Kunsill bħala parti mill-Kuntratt tal-*Public Private Partnership* dwar Triq l-Armier.

2.11.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni dan it-tibdil ikun jeħtieġ l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.11.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa mis-Sindku.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 23/03/11
- Skeda ta' Pagamenti – 02/03/11 – 15/03/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 02/03/11 – 15/03/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Skeda ta' offerti dwar il-*Floodlighting* ta' Triq l-Erwieħ – 24/03/11
- Minuti – Laqgħa ta' Kordinazzjoni dwar ir-*Resurfacing* ta' Triq l-Armier – 23/03/11

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Wirja tal-Arti u l-Artiġġjanat (S/6/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 13 ta' Marzu 2011, mibgħut mill-Għaqda Mużikali Imperial, fejn talbet lil Kunsill sabiex il-wirja msemmija msemmija tiġi organizzata flimkien mal-Kunsill, bejn is-26 ta' Marzu u t-3 ta' April 2011 fis-sede tal-istess għaqda.

4.1.3. Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa mas-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Imperial, fejn ġie miftiehem li din l-inizjattiva għandha tkun opportunita` biex jiġu esposti t-talenti tal-Melleħin.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora mal-għaqda biex l-wirja tittella' flimkien.

### 4.2.1. Talba għad-danni wara nċident fi Triq il-Manikata (D/5/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal talba datata 15 ta' Marzu 2011, mis-Sur Joseph Debono sabiex huwa jirkupra danni li sofra fil-vettura tiegħu Nru. JAS 220, wara li waqa' ġo ħofra fi Triq il-Manikata fit-28 ta' Frar 2011. Skond riċevuti li huwa ssottometta, qed jitlob kumpens ta' €83. Is-Sur Debono għadda kopja ta' rapport li huwa għamel lill-Pulizjia.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba għandha terġa titqajjem fis-seduta li jmiss sabiex jiġi mressaq ir-rapport tal-Pulizija.

### 4.3.1. Skema ta' Finanzjament għall-Enerġija Nadifa (F/1/7/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 24 ta' Frar 2011, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, fejn tħabbar li l-Mellieħa ser tkun fost dawk illi ser jibbenefikaw mill-Iskema Finanzjament għall-Enerġija Nadifa b'risq it-twaħħil ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono. Il-Kunsillier J. Azzopardi attenda għall-preżentazzjoni li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Għargħur fil-21 ta' Marzu 2011, fejn tħabbar li l-Mellieħa kienet ser tibbenefika minn għotja ta' €3,500.

4.3.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li s-sistema tad-dwal fil-Ġnien Dun Anton Debono ilha tagħti l-problemi u jeħtieġ li jsir *wiring* mill-ġdid peress li l-grieden għamlu ħafna ħsara fil-*cables*, tant li spiss tittrippja s-*circuit breaker*.

4.3.4. Il-Kunsill J. Azzopardi ppropona li jsiru dwal fejn kull wieħed jkollu pannelli fotovoltaiċi u batterija sabiex ikun jista' jiġi eliminat il-*wiring* minn arblu għal'ieħor.

4.3.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab parir mingħand Galea Curmi Engineering Consultants Ltd.

### 4.4.1. Skema dwar ir-rigenerazzjoni f'oqsma tal-Bini tal-Gvern (B/7)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datata 15 ta' Marzu 2011**, mibgħut mill-Awtorita` tad-Djar fuq l-Ewwel Skema dwar ir-Rigenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun fost dawk li ser jibbenefikaw. Fil-fatt fil-25 ta' Marzu, is-Sindku attenda għall-preżentazzjoni li saret fil-bini tal-Awtorita` tad-Djar. Skond il-ftehim li ġie ffirmat dakinhar, l-Awtorita` obbligat ruħha li tagħti somma sa massimu ta' €75,000 li tkopri kemm l-intervent fiżiku fil-qasam tad-djar, kif ukoll għall-inizjattivi edukattivi**.

4.4.3. Ġie deċiż li l-*Contracts Manager* għandu jintalab jissottometti *bill of quantities* dwar ix-xogħol meħtieġ fil-Qasam Ta' Pennellu.

4.4.4. Il-Kunsillieri C. Bartolo u H. Fenech intalbu jidentifikaw x'tip ta' korsijiet edukattivi jistgħu jiġu organizzati għar-residenti tal-qasam.

**4.5.1. Ħarsien ta' art xagħri bejn Triq l-Għerien u Triq l-Etna (T/4/8/2)**

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 21 ta' Marzu 2011, mibgħuta min-Nutar Dr Christopher Gatt fejn qed jipproponi li l-art imsemmija tiġi dikjarata mill-MEPA bħala waħda li tinsab 'l barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ). L-istess art diġa hija protetta bħala sit ta' importanza ekoloġika u arkeologika fil-livell B Klassi B

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-protezzjoni li ngħatat l-art indikata diġa tagħmilha diffiċli li wieħed jiżviluppaha, anke għal skopijiet pubbliċi.

**4.6.1. Parteċipazzjoni fil-Proġett "*Let's Art*" (P/10/10)**

4.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għal *e-mail* datat 28 ta' Marzu 2011, mibgħut minn grupp ta' żgħażagħ mill-belt ta' Elblag fil-Polonja li pproponew sabiex żgħażagħ oħra mill-Mellieħa jipparteċipaw fi proġett iffinanzjat permezz tal-Programm Youth in Action tal-Unjoni Ewropea. Il-proġett bl-isem ta' "*Let's Art*" jinvolvi *workshops* dwar pittura, tpinġija, fotografija, skultura eċċ.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din l-istedina għandha tiġi aċċettata.

**4.7.1. Parteċipazzjoni fil-Proġett "*Pax*" (P/10/11)**

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 29 ta' Marzu 2010, mibgħut mill-Fundazzjoni Temi Zammit, fejn saret stedina sabiex il-Kunsill jipparteċipa fi proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Interreg IVC. Il-proġett ġie mfassal minn applikanti f'Pavia l-Italja u jismu *"Pavia, Crossroads of the Itinerary of Faith and Culture".* Is-Sur R. Cutajar spjega li dan il-proġett jittratta il-promozzjoni siti reliġjużi partikularment permezz ta' materjal stampat u audioviżiv.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem.

**4.8.1. Proġett dwar il-*Floodlighting* ta' Bini fi Triq l-Erwieħ u Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/14)**

4.8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-24 ta' Marzu 2011 għalqet is-sejħa għall-offerti Nru. 1/2011 dwar il-provista tat-tagħmir meħtieġ għall-proġett imsemmi hawn fuq. Inġabru disa' dokumenti tal-offerta u sal-ħin tal-egħluq intefgħu sitta.

4.8.3. Il-Kunsill iddeċieda li dawn l-offerti għandhom jiġu evalwati mid-*Tender Adjudication Board* bil-għajnuna ta' Galea Curmi Engineering Consultants.

**4.9.1. Tħejjija ta' Strateġija dwar l-Akwakultura (A/10)**

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat l-1 ta' Marzu 2011, mibgħut mill-Universita` ta' Stirling fl-Ingilterra dwar materji li jolqtu l-industrija tal-*fishfarms* fil-Mellieħa. Huwa qal li dawn ġew inkarigati mill-Gvern sabiex iħejju strateġija fuq dan il-qasam għall-Gżejjer Maltin.

4.9.3. Il-Kunsill innota l-kuntatti li saru.

**4.10.1. JP2 Memorial Festival – 2011 (A/5/3/5/Vol IV)**

4.10.2. Saret referenza għal ittra datata 9 ta' Frar 2011 mibgħuta mill-JP2 Foundation li qed torganizza l-attivita' msemmija sabiex tikkommemora l-beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II, b'kunċert minn korijiet lokali u barranin fil-Bitħa tas-Santwarju bejn il-25 u 27 ta' Mejju 2011. Biex isseħħ dan l-avveniment, il-Kunsill intalab jipprovdi:

- Il-Biljetti tal-Vapur t'Għawdex għall-koristi;
- Trasport Ċirkewwa-Mellieħa-Ċirkewwa;
- Palk, dwal u sistema tal-audio;
- Siġġijiet għall-mistednin;
- Preżentatur;
- Ikel ħafif għall-korristi; u
- Pubbliċita`

4.10.3. Is-Sindku qal li l-organizzaturi ta' din l-attivita` bidlu l-pjanijiet tagħhom peress li kienet ser taħbat mar-referendum dwar id-divorzju. Huwa għalhekk ipproponielhom li kunċert ta' dan it-tip jista' jingħata spażju f'waħda mis-serati fl-Iljieli Mellieħin 2011, proprju fil-Bitħa tas-Santwarju, fejn ikun hemm il-parti l-kbira tal-faċilitajiet mitluba.

4.10.4. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Marzu 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-4 u 23 ta' Marzu 2011. Tressqet ukoll skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li saret bejn it-2 u l-15 ta' Marzu 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għalhekk ġew iffirmati.

## 7.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ **(P/10/3/Vol II)(A/5/3/Vol X)**

7.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikunu jistgħu jintervjenu l-*Project Manager* il-Perit Joseph Attard u s-Sinjuri Ernest Vella u Kenneth Fenech mill-Fundazzjoni Arkeo.

7.3. Il-Perit J. Attard għarraf li fil-mument għadhom qed jiġu pproċessati s-sitt applikazzjonijiet li saru mal-MEPA b'rabta mal-proġett. Il-*case officer* tal-MEPA konċernata qed titlob numru ta' rapporti dwar fatturi varji li jittrattaw il-postijiet affettwati, liema rapporti jridu jsiru minn persuni speċjalizzati f'oqsma partikulari bħalma huma l-arkeoloġija u l-istorja. Dan billi s-siti kollha jinsabu f'żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza ekoloġika u xjentifika. Dwar ir-restawr tal-*pill box* taż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (PA 2370/09), li tinsab fin-naħa ta' fuq tal-Wied tal-Imġiebaħ, ġie spjegat li l-MEPA qed tkun kawta ħafna dwar il-mod kif isir ix-xogħol, peress li l-aċċess huwa ristrett. Għaldaqstant qed titlob li tingħata *method statement*.

7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għal-applikazzjoni PA 2372/09 li tinvolvi r-restawr ta' miġbħa tan-naħal. Huwa qal li din qed tintuża u min qed jieħu ħsiebha huwa preokkupat li bil-proġett tal-Kunsill huwa mhux ser jibqa' jitħalla jrabbi n-naħal fiha. Is-Sindku wieġeb li ma jagħmilx sens illi l-miġbha ma tibqax tintuża, iżda dan il-fattur m'għandux jżomm lill-Kunsill milli jintervjeni biex jikkonserva l-istess miġbħa u l-ħitan tas-sejjieħ li hemm fil-madwar.

7.5. Permezz ta' preżentazzjoni viżiva, is-Sinjuri E. Vella u K. Fenech spjegaw l-interventi li jeħtieġu jsiru fl-irziezet li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun, bil-għan li jinġiebu funzjonabbli bħala *interpretative centre* li jħajjar lit-turisti u l-pubbliku jżuruh. Filwaqt li jeżistu affarijiet li jistgħu jitneħħew biex jitnaddaf il-post, hemm oħrajn li għadhom jiġu katalogati u konservati minħabba r-rabta li għandhom mal-post. Ġie spjegat li maż-żmien, medda konsiderevoli tal-art li hemm wara l-irżieżet ittieħdet minn pal tal-bajtar invażiv. Dawn jeħtieġ li jinżabru biex jinħoloq spażju ħalli l-post ikun funzjonabbli, peress li l-bini nnifsu huwa limitat f'dak li huwa daqs tal-kmamar.

7.6. Is-Sur E. Vella aċċenna wkoll għall-fatt li l-Fundazzjoni Arkeo qed tagħmel ħafna xogħol preparatorju dwar it-tip ta' interventi fil-postijiet kollha affettwati bil-proġett u għaldaqstant qed tistenna li tidħol fi ftehim mal-Kunsill biex ma jiġux involuti organizzazzjonijiet oħra, sakemm ma jkunx hemm il-kunsens taż-żewġ naħat biex isir hekk.

7.7. Is-Segretarju C. Debono ġibed l-attenzjoni li fil-ftehim li sar mal-Aġenzija tal-Pagamenti, hemm inkluż skeda ta' implimentazzjoni dwar iż-żmien meta għandhom jitwettqu x-xogħlijiet kollha. Huwa għalhekk importanti li għandhom jitħejjew id-dokumenti tal-offerti minkejja li l-permessi tal-MEPA għadhom ma nħarġux. Dan minħabba l-fatt li ser ikun diffiċli li din l-iskeda tiġi onorata min-naħa tal-Kunsill, partikularment minħabba l-ħruġ tal-permessi min-naħa tal-MEPA ser jieħu aktar żmien aktar milli mistenni.

7.8. Is-Sindku ppropona li l-irżiezet ta' quddiem il-Palazz ta' Selmun jistgħu jitnaddfu sabiex tkun tista' issir *open day* fl-okkażjoni tal-attivita` Animal Fest 2011 fit-22 ta' Mejju 2011. Huwa qal li għall-istess okkażjoni jistgħu jinġiebu bhejjem fl-irżieżet u ċ-ċikken, filwaqt li l-wesgħa li hemm fejn il-kappella tkun tista' tintuża għall-aspetti l-oħra tal-Animal Fest. Huwa qal li din l-attivita` għandha tintuża biex il-proġett jingħata aktar pubbliċita` mal-pubbliku – xi ħaġa l-Unjoni Ewropea tagħti ħafna importanza fir-rigward ta' proġetti ffinanzjati minnha.

7.9. Il-Kunsill qabel mas-suġġerimenti tas-Sindku.

## 8.1. Proġett dwar ir-Restawr tat-Torri l-Abjad **(A/6/7/1)**

8.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf lill-Kunsilli illi fil-15 ta' Marzu 2011, huwa flimkien mas-Sindku R. Cutajar u l-Perit Joseph Attard ltaqgħu mad-Direttur tal-Ippjanar fejn ġew diskussi l-intenzjonijiet tal-Kunsill u l-Historical Military and Maritime Society dwar it-Torri l-Abjad. Fl-istess laqgħa nġibdet l-attenzjoni li maż-żmien żdiedu strutturi mal-bini oriġinali tat-torri li ma kinux koperti bil-permess, kif ukoll hemm partijiet mill-binja oriġinali li jinsab fi stat perikoluż u jeħtieġ intervent immedjat sabiex ma jiġġarrafx. Ġie miftiehem li għandha ssir żjara fuq il-post mill-perit tal-Kunsill, is-Sur Joe Magro Conti mill-MEPA, u ma' rappreżentanti mill-Historical Military and Maritime Society, flimkien mal-perit tal-istess soċjeta`.

8.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Konferenza EDEN (T/12/2)

9.2. Is-Sindku għarraf li t-tħejjijiet għaddejjin b'ritmu mgħaġġel bl-appoġġ finanzjarju mill-Gvern ċentrali f'dak li huma tabelli u sinjali tat-traffiku, fejn ġiet kommessa s-somma ta' €18,000. Ser isir ukoll *major patching* fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq in-Naħal sa Triq Sant' Elena, fejn parti sostanzjali min-nefqa u x-xogħol ser issir minn Transport Malta (€34,000), filwaqt li l-Kunsill joħroġ madwar **€6,200** oħra.

9.3. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u C. Bartolo kkummentaw li ser tintefaq somma sostanzjali fuq il-*patching* mingħajr ma huma ser jinbidlu s-servizzi.

9.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li jekk ser isir *major patching*, dan għandu jkopri bejn Triq in-Naħal u Triq il-Qalb Imqaddsa, fejn il-wiċċ tat-triq huwa fi stat ħażin ħafna.

9.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li attwalment qed isir il-*patching* xorta waħda, filwaqt li fakkar illi l-*main* tal-ilma u l-*house connections* fit-toroq ewlenin inbidlu fl-2009 minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II sa Triq Snajjin.

9.6. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li permezz tal-*major patching* propost, il-Kunsill għandu numru ta' snin li matulhom ma jagħmilx manutenzjoni fiha. Huwa fakkar li l-istima, sabiex isir ir-*resurfacing*, bankini, *culverts* u servizzi fi Triq il-Kbira, bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier, tlaħħaq €193,000. Aċċenna wkoll li s-servizzi tal-ilma diġa nbidlu, filwaqt li x-xogħol kif ser isir jippermetti wkoll li jitwessgħu partijiet mill-binkini fejn huma dojoq.

9.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill approva l-ħlas lil Transport Malta bħala kontribut għall-ispiża nvoluta fil-*major patching* propost għall-ammont indikat mis-Sindku fil-minuta 9.2. aktar 'il fuq.

## 10.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

10.2. Il-Kunsill iddeċieda li t-tkomplija tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titħalla għas-seduta li jmiss.

## 11.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv **(K/1/2/Vol V)**

11.2. Is-Sindku għarraf li fil-15 ta' Marzu 2011 saret laqgħa mad-Direttur u l-Assistant Direttur tal-Ippjanar dwar irregolaritajiet fil-bini tal-Mellieħa Sports Club fi Triq il-Madonna ta' Fatima. Għall-istess laqgħa kienu preżenti wkoll il-*Contracts Manager* il-Perit Joseph Attard u l-Kunsillier J. Buttigieg. Is-Sur R. Cutajar talab sospensjoni tas-seduta sabiex ikun jista' isir intervent mill-*Contacts Manager*.

11.3. Il-Perit Attard spjega li fl-imsemmija laqgħa sar aċċenn għall-irregolaritajiet li jinvolvu l-wisa' tal-gallariji, it-taraġ li sar fi Triq il-Madonna ta' Fatima, kif ukoll il-kamra li nbniet fuq il-bejt. Kompla jgħid li t-taraġ jista' jitneħħa u l-bieb ta' barra eżistenti jinbidel f'tieqa, filwaqt li l-aċċess jingħata mill-bieb li hemm qrib fil-bini tal-uffiċċju attwali, meta iż-żewġ fondi jitnifdu. Dwar il-gallarijiet, ġie spjegat li dawn faċilment jistgħu jidjiequ billi tinqata parti mill-konkos. Rigward il-kamra tal-bejt, il-Perit Attard aċċenna għall-fatt illi għalkemm din il-binja tinsab fl-*Urban Conservation Area*, teżisti l-possibilta` li din tiġi aċċetta, peress li tiġi taħt ir-riħ u tmiss mal-binja tal-uffiċċju attwali.

11.4. Ġie spjegat li l-Kunsill jista' japplika għas-sanzjonar ta' din il-kamra, filwaqt li jintrabat illi jnaqqas il-wisa' tal-gallariji u jneħħi l-ostakoli li hemm fit-taraġ pubbliku. Il-Perit Attard qal ukoll m'għandux ikun problema biex jinħareġ permess għall-bdil fl-użu tal-post minn każin għal uffiċċju, sakemm tigħata prova suffiċjenti, bħalma hija kopja tal-licenzja li kienet toħroġ il-Pulizija biex il-bini jintuża bħala tali. F'dik li hija aċċessibilta` intqal li lanqas m'għandu jkun hemm problemi, billi jista' isir użu mill-bieb tal-uffiċċju attwali minn Triq il-Mitħna l-Gdida u l-*lift* installat fl-istess uffiċċju.

11.5. Is-seduta tkompliet wara li ntemm l-intervent tal-Perit J. Attard. Is-Sindku ppropona li l-kuntratt jiġi ffirmat wara li ssir magħrufa l-posizzjoni *vis-à-vis* il-ħruġ tal-permess mill-MEPA, iżda fil-frattemp għandu jsir il-konvenju.

11.6. Il-Kunsill approva l-proċedura ndikata mill-Perit J. Attard, kif ukoll il-proposta mressqa mis-Sindku fil-minuta 11.5.

11.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 12.1. Sekondament ta' impjegat mal-Kunsill (H/4/Vol II)

12.2. Is-Sindku rrefera għall-kuntatti li huwa kellu aktar kmieni mal-kunsillieri dwar il-possibilta' li jiġi ssekondat impjegat mis-servizz ċivili sabiex ikun jista' jaqdi d-doveri ta' *E.U. Officer*. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ħlas tiegħu ser jibqa' jsir mid-Dipartiment li jimpjegah. Il-persuna li ġiet identifikata biex tagħmel dan ix-xogħol huwa s-Sur Stephen Borg (Nru. tal-I.D. 226077M) li attwalment huwa mpjegat mad-Dipartiment tal-Informazzjoni..

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 13.1. Premju Inizjattivi Lokalitajiet Indaf (T/6/1/Vol III)

13.2. Is-Sindku aċċenna għal ittra datata 8 ta' Marzu 2011 li permezz tagħha sar magħruf li l-Mellieħa ġiet *shortlisted* għall-premju msemmi mil-Bord ta' Evalwazzjoni fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Waqt preżentazzjoni li saret mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said fit-8 ta' Marzu 2011, sar magħruf li l-Mellieħa kienet rebħet l-ewwel post fil-Premju Inizjattivi Lokalitajiet Indaf. Il-premju kien ċekk ta' €20,000 u ġie ppreżentat waqt ċerimonja fi Ġnien Guże` Marija Camilleri fis-Swieqi.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 14.1. *Green Challenge and Community Involvement Awards* (F/1/7/Vol II)

14.2. Is-Sindku għarraf illi waqt preżentazzjoni li saret fit-23 ta' Marzu 2011 fil-Weston Dragonara Resort f'San Ġiljan tħabbar li l-Mellieħa kienet ngħatat it-tieni post fil-*Community Involvement Award*. Dan kien ifisser premju ta' €5,000. L-ewwel premju ngħata lill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenż f'Għawdex.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 15.1. Introduzzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Ta' Taħt l-Irdum (E/1/3/Vol III)

**15.2.** Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li t-triq imsemmija hija mudlama ħafna bil-lejl tant li fil-parti li tagħlaq – minn Triq il-Merill 'il ġewwa – jeżistu tliet lampi biss, filwaqt li għal tul konsiderevoli m'hemm ebda lampa.

**15.3.** Il-Kunsill qabel man-nuqqas li rrefera għalih il-Kunsillier J. Buttigieg u ddeċieda li jitlob stima dwar l-ispiża nvoluta.

**16.1. Parteċipazzjoni fit-*Trofeo del Mediterraneo u fin-Notti Blue* (A/5/3/Vol X)**

16.2. Is-Sindku rrefera għall-istedina li kienet saret mill-Comune di Pozzallo sabiex atleti mill-Mellieħa Athletic Club jipparteċipaw fit-tellieqa msemmija hawn fuq li ser isseħħ nhar is-Sibt u l-Ħadd, 2 u 3 ta' April f'Pozzallo. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-vjaġġ bil-catamaran għal sitt atleti. Il-Comune di Pozzallo ser jipprovdi l-akkomodazzjoni.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku, kif ukoll li l-grupp ikun akkumpanjat mill-Kunsillier H. Fenech.

16.4. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għal stedina oħra li għamel l-istess comune sabiex banda mill-Mellieħa u grupp folkloristiku bil-kostum jieħdu sehem fl-attivitajiet tan-Notti Blu bejn fit-30 ta' April u fl-1 ta' Mejju 2011. Huwa ppropona li din id-darba għandu jsir kuntatt mas-Societa` Filarmonica La Vittoria, wara li fl-2010 kienet ħadet sehem l-Għaqda Mużikali Imperial. Ġie spjegat li f'dan il-każ m'hemmx ħtieġa ta' akkomodazzjoni peress li ż-żjara tkun ta' jum wieħed.

16.5. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku. Kien hemm qbil li l-grupp għandu jkun akkumpanjat mill-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier J. Buttigieg.

**17.1. Korsijiet dwar Liċenzji Nawtiċi (E/3/1/Vol III)**

17.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf illi wara s-sejħa li saret fil-ħarġa tal-magazin tal-Kunsill "Mill-Qiegħa" ta' Frar 2011, kien hemm 21 persuna li applikaw sabiex jattendu korsijiet nawtiċi mal-kumpanija Alpha Briggs Mediterranean Ltd.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Tindif tal-oqbra (C/7)**

18.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li ħaddiema tad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali qed inaddfu l-oqbra mingħajr ma jkollhom ilbies protettiv, u b'hekk qed tingħata impressjoni ħażina lil kull min jarahom. Staqsa wkoll dwar jekk hijiex proċedura li dan ix-xogħol isirx mingħajr ma l-qraba jiġu notifikati minn qabel.

18.3. Ittieħdet nota sabiex isiru rappreżentazzjonijiet mal-uffiċjali konċernati fid-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali.

19.1. **Artiklu fil-gazzetta "It-Torċa" dwar il-magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)**

19.2. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għal artiklu li deher fil-gazzetta msemmija fil-ħarġa tal-20 ta' Marzu 2011. Kompla jgħid li l-artikolist, li ma weriex ismu, qal li fil-magazin tal-Kunsill sar użu minn artiklu li deher fil-media tal-Partit Nazzjonalista, kelma b'kelma. Fl-istess artiklu ntqal ukoll li l-kunsillieri jkunu mgħarrfa bil-kontenut tal-magazin meta jkun kollox lest u jingħataw biss 24 siegħa biex jarawh, filwaqt li l-korrezzjonijiet mitluba mhux bilfors jiġu aċċettati. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ma jara xejn ħażin li tiġi riprodotta stqarrija maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, kif fil-fatt kienet l-istqarrija li saret referenza għaliha fl-artiklu. Huwa kkummenta wkoll illi ftit li xejn ikun hemm rispons meta l-abbozz tal-magazin jiġi mgħoddi lill-kunsillieri, iżda meta jkun hemm raġunijiet validi huwa mhux ser jiddejjaq jekk jingħata aktar żmien biex jiġi stampat il-magazin.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' April 2011, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**